MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 98/2004

**Carmelo Azzopardi ezercenti l-kummerc taht l-isem ‘Littlemore Nursery General Horticulture Products’**

**vs**

**Suncrest Hotels plc**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u tnejn u sebghin lira Maltija u tlieta u ghoxirn centezmu (LM3,472.23) rapprezentanti l-hlas minnha dovuta ghal servizzi lilha rezi u materjal lilha konsenjat u supplit bejn Settembru, 2001 u Ottubru, 2002, u dan skond l-‘istatement’ hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra interpellatorja datata 18 ta’ Novembru 2003 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas

effettiv kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat in-nota tal-attur tal-31 ta' Mejju 2004 li permezz taghha ceda s-sorte stante pagament izda zamm ferm il-kap tal-imghax u il-kap tal-ispejjez;

Rat in-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu, kif rodott, jigi ppruvat (Art. 698 (2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fid-19 ta' Novembru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli, u lanqas illum, n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur l-imghax legali kif mitlub sat-8 ta' Marzu 2004 u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------